KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL

Depiro Street, Sliema SLM 04

Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33

Ref: Seduta 8#18/10/06/V

# MINUTI TAT-TMIEN SEDUTA

**It-Tmien Seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 18 t' Ottubru 2006**, fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Marina Arrigo |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri (Segretarju Eżekuttiv, Lino Bartolo kien bis-*sick leave*)** |

Is-Seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-Agenda.

## <u>AGENDA</u>

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**
5. **Rapport dwar il-laqgħa mal-kumitat ta' San Girgor**
6. **Tenders - Ġbir ta' skart domestiku**
7. **Tenders - *Project Manager Works***
8. **Affarijet oħra**

## 1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta

Il-Minuti ta' l-aħħar Seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati wara li saru dawn l-emmendi :

3.5 Tiżdied: 'u fit-*traffic island* fil-qiegħ ta' Triq Manwel Dimech'

3.10 Is-sentenza li tibda fir-raba` linja trid tiġi hekk:
'Il-Kunsillier M. Briguglio staqsa jekk dan jistax isir, u talab biex nieħdu parir legali u anke nitolbu lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex jagħti *ruling* qabel ma nipproċedu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.15 l-aħħar sentenza għandha tkompli hekk: 'sakemm jiġi deċiż lil min se jingħata t-*tender* tal-Kunsill għal dan ix-xogħol'.

4.2 Fl-aħħar sentenza minnflok 'fuq din il-ħaġa' triq tinqara 'f'oqsma li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħhom'.

4.6 Tiżdied din is-sentenza 'Ġie deċiż li dan il-bollard jerġa jsir'.

4.15 L-aħħar sentenza għandha tinqara 'kienu M. Debono u M. Briguglio li ssuġġerew li nsaqsu lis-sotto-kumitat dwar il-ħarsien ta' l-annimali, u l-Kunsill qabel.

8.5 Trid tinqara 'Michael Briguglio staqsa' flok 'sostna'.

8.7 Fl-ewwel sentenza titneħħa l-kelma 'fl-opinjoni tiegħu'.

8.8 Trid tiżdied din is-sentenza. Il-Kunsillier M. Briguglio appella lill-kunsilliera preżenti biex jieħdu vot sabiex jiġġedded il-kuntratt ta' Lino Bartolo.

Għandhom jitniżżlu wkoll dawn il-punti:

8.10 Il-Kunsillier M. Debono qal li mid-dehra l-kwistjoni hija waħda interna, u li l-maġġoranza tal-Kunsilliera tal-PN ma jistgħux jaħdmu mas-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk hu u l-kunsilliera M. Aquilina se jastjenu.

8.11 Il-Kunsillier M. Briguglio staqsa x'kienet ir-raġuni li għal din is-seduta m'attendewx il-kunsilliera A. Bonellu Dupuis u L. Vella, li fl-aħħar seduta qalu li l-kuntratt ta' L. Bartolo għandu jiġġedded.

8.12 Il-Kunsillier M. Briguglio staqsa lis-Sindku jekk taqbilx li l-President ta' Malta ikun President meta dan għandu iktar minn 70 sena. Is-Sindku sostniet li din hija mistoqsija rrelevanti.

*(Is-Sindku talbet li l-Kunsill ikompli b'item numru ħamsa tal-Agenda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni)*

## 5. Rapport dwar il-laqgħa mal-kumitat ta' San Girgor

5.1 Il-kunsilliera kellhom il-punti ta' l-aħħar laqgħa li saret nhar it-28 ta' Settembru, 2006 mal-kumitat ta' San Girgor, li ntbagħtu mal-minuti.

5.2 Is-Sindku qalet li issa li l-Kunsill sema ż-żewġ naħat, wara ż-żewġ laqgħat li kellu kemm mar-residenti kif ukoll mal-kumitat, tħoss li l-Kunsill ma jistax jieħu posizzjoni għax kemm ir-residenti kif ukoll il-kumitat għandhom ir-raġunijiet validi tagħhom. B'hekk il-Kunsill jibgħat il-punti li tressqu min-naħa tal-kumitat u dawk tar-residenti lill-MEPA, anke minħabba l-fatt li xorta din mhix xi ħaġa li jrid jiddeċidija l-Kunsill. Ma dan qablu l-Viċi-Sindku A. Bonello Dupuis, il-Kunsilliera N. Dimech, M. Azzopardi, J. Galea u L. Vella.

Il-Kunsilliera M. Aquilina ma qablitx ma dan għax sostniet li l-Kunsill m'għandux jibża milli jieħu deċiżjoni. Maħħa qabel il-Kunsillier M. Debono u żied li għall-Kunsill hija faċli li jastjeni allura l-Kunsill għandu jiffaċċja r-responsabbilta` u jieħu deċiżjoni quddiem in-nies preżenti.

Il-Kunsillier M. Briguglio sostna li post il-każin għandu jkun fejn il-knisja. Il-kunsillier M. Briguglio qal ukoll, li jifhem il-pożizzjoni kemm tal-membri tal-każin kif ukoll tar-residenti. Iżda l-każin għandu d-dritt li jkollu sit, l-istess bħall-każini l-oħra f'Malta. Għalhekk huwa jaqbel mal-proposta tal-każin.

5.3 Is-Sindku M. Arrigo ressqet proposta li l-Kunsill, wara li semgħa l-punti kemm tar-residenti kif ukoll tal-kumitat, għandu jressaqhom lill-Mepa. Din il-proposta ġiet issekondata mill-kunsillier L. Vella. Ittieħed vot kif ġej: Favur: A. Bonello Dupuis, M. Azzopardi, N. Dimech, J. Galea. Il-kunsilliera M. Briguglio u M. Debono astjenew u l-Kunsilliera M. Aquilina ivvotat kontra. Proposta għaddiet.

5.4 Il-Kunsillier M. Debono għadda t-tieni proposta li l-Kunsill ikun kontra l-każin fejn hu propost. Ġie ssekondat mill-Kunsilliera M. Aquilina. Ittieħed vot kif ġej: Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi u N. Dimech astjenew, l-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera J. Galea, M. Briguglio u L. Vella ivvotaw kontra. Proposta m'għaddietx.

**<u>2. Materji konessi mal-Minuti</u>**

2.1 Il-Kunsillier M. Briguglio infurma li l-Kunsill kien ħallas Lm80 għall-appelli ta' Plevna u ta' Għar il-Lembi u li mill-minuti tal-MEPA sar jaf li l-Avukat ma marx għall-każ biex jirrappreżenta l-Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li ġie nfurmat mill-amministrazzjoni tal-Kunsill li l-avukat ma marx għax infurmana li deherlu li m'hemmx iżjed x'jista jagħmel il-Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio għandu jiċċara dan il-punt fl-laqgħa tas-sotto kumitat ta' l-ambjent, li għanda ssir mal-avukat nhar il-Ġimgħa 20 t'Ottubru, 2006 fl-4.30pm.

2.2 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis reġa staqsa jekk Polidano ħallasx fuq l-*encroachement* li hemm triq it-Torri fejn l-Adelaide u l-Preluna.

2.3 Il-Kunsillier Julian Galea spjega d-differenzi ta' tlett kwotazzjonijiet tas-sistema telefonika. Il-kwotazzjonijiet kienu ta':

- *Retina Telecommunications*
- *Strand Electronics*
- *Digital Planet Ltd*

Il-kunsill kollu qabel li l-kwotazzjoni tar-Retina Telecommunications hija l-iżjed waħda addatata għall-uffiċċju u qabel li jagħżel din il-kwotazzjoni fuq żewġ kundizzjonijiet:

- Li l-garanziija tkun mill-inqas ta' sentejn
- U li għal bidu m'hemmx għalfejn inħallsu tal-*maintenance agreement.*

Il-Kunsillier J. Galea kellu jiċċekja dwar dan.

2.4 Il-Kunsillier M. Debono staqsa dwar il-permessi ta' l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill se jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jibgħatulna lista tal-permessi kif suppost qegħdin ta' kull *catering establishment* li għandu mwejjed u siġġijiet barra.

2.5 Fuq il-punt dwar il-bankini żgħar imkissrin li kien ressaq fl-aħħar seduta (4.18), il-Kunsilllier N. Dimech issuġġerrixxa li għanda niktbu lill-Gvern forsi jkun jista jipprovdilna ħaddiema li jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol u li Kunsill jħallas il-materjal biss. Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qabel ma dan pero qal ukoll li min ikisser irid iħallas. Il-Kunsillier M. Briguglio qabel ma' dan ukoll, pero staqsa jekk nistgħux minħabba li diġa għanda *tender* dwar xogħlijiet żgħar fit-toroq. Il-Kunsill qabel li għanda niktbu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

2.6 Fuq il-punt dwar il-*planters* li kien ressaq il-Kunsillier J. Galea fl-aħħar seduta (4.5) il-Kunsill iddeċieda li għandu jiċċekja ma' Dipartiment tax-Xogħlijiet biex forsi jirranġawhom huma.

2.7 Il-Kunsillier M. Briguglio staqsa dwar l-EU funding. Il-Kunsillier J. Galea kellu jispjega iżjed tard.

2.8 Fuq il-punt li kien ressaq il-kunsillier M. Briguglio fl-aħħar seduta (2.2), Is-Sindku M. Arrigo qalet li l-Kunsill informa kemm lill-*Health and Safety* dwar il-każ tal-*Mozzarella Restaurant*, u l-pulizija dwar il-każ tal-*Army and Navy*.

2.9 Dwar ir-rapport karrozza cirkolari (Item 6. ta' l-aħħar seduta). Ġiet ippreżentata ittra mill-Assoċjazzjoni li huma laqgħu t-talba li jagħmlu dan is-servizz permezz ta' van. Il-Kunsill ġie infurmat li presentatment il-prezz huwa ta' Lm43 kull ġurnata u kull *trip* żejda tiżdied b'ħames liri oħra. Is-Sindku infurmat lill-membri presenti, li mhux bilfors għandha naħdmu bl-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Il-Kunsill iddeċida li għandha noħorġu *call for tender* b'dawn il-kundizzjonijiet ukoll.

- Li tkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilta` u għall-anzjani
- Li tkun *environmental friendly*
- Li l-vettura tkun addatata għat-trasport ċirkulari għat-toroq ta' Tas-Sliema

2.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet dwar il-possibbilta` li jkollna l-Poliklinika tal-Gvern ġewwa Tas-Sliema. Is-Sindku M. Arrigo infurmat li ilha tipprova tirsisti, fil-fatt dan l-aħħar kella kommunikazzjoni mal-Ministru Louis Galea.

*Il-Kunsill qabel li jibqgħu għaddejjin bil-komunikazzjonijiet tagħhom.*

**4. Komunikazzjonijiet/Mistoqsijiet lis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv.**

4.1 Il-Kunsillier M. Debono issuġġerixxa lill-Kunsill, biex forsi tittaffa ftit il-problema tal-ħammiem, li nixtru tip ta' prodott li tferrxu fejn il-ħammiem biex dawn ma jkunux jistgħu jibqgħu jipproduċu. Il-Kunsill qabel ma dan iżda l-Kunsillier Debono għandu jagħti iżjed informazzjoni f'seduta oħra.

4.2 Il-Kunsillier L. Vella staqsa jekk il-gwardjani għadhomx jagħmlu r-ronda kull nhar ta' Sibt dwar il-permessi għall-użu ta' krejns minħabba l-abbuż li jkun hawn, għax l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq. Il-Kunsillier Vella talab biex nerġgħu nibdew nitolbu lill-Uffiċċjal Awtorizzat tal-Gwardjani Lokali sabiex jipprovdilna rapport kull ġimgħa tal-multi li jkunu nħarġu.

4.3 Il-Kunsillier M. Briguglio staqsa għadniex *green warden*, u jekk għandha jistax ikollna r-rapporti tax-xogħol li qegħdin jagħmlu. Il-Kunsill ma kienx ċert dwar dan, u kellu jiċċekja. Filkas li m'hemmx jara x'inhi l-possibilta li jkollna *green warden*. Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li kien diġa ddeċieda li jkun hemm *green warden* f'Tas-Sliema.

4.4 Il-Kunsillier N. Dimech irrimarka dwar l-ilmenti li jirċievi ta' spiss dwar l-indafa. Staqsa għalfejn qatt ma ħareġ tender ġdid iżda dejjem jiġi mġedded. Il-Kunsill spjega li dan dejjem sar hekk biex jinżammu l-prezzijiet baxxi.

4.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet dwar il-problema tad-dranaġġ fix-Xatt. Is-Sindku infurmat li din suppost ġiet irranġata.

4.6 Il-Kunsillier M. Briguglio rrimarka li l-*bins* mhumiex qegħdin jitnaddfu sew. Issuġġerixxa li jkun hemm iżjed *bins* madwar Tas-Sliema. Is-Sindku wieġbet li kull fejn wieħed qiegħed jissuġġerixxi li jsir *bin* u huwa possibbli dan qiegħed jitwaħħal.

4.7 Il-Kunsilliera M. Azzopardi rrimarkat li minħabba l-maltemp ħafna mis-siġar qegħdin jitgħawwġu. Il-Kunsill għandu jinforma lill-E.L.C. biex jirranġhom.

Infurmat ukoll li l-ħwienet *Mango* u *Pull and Bear* ġewwa triq it-Torri ħallew diversi ġebel u tiles wara li ħadmu fil-post tagħhom. Il-Kunsill għandu jitlob lil dawn il-ħwienet biex inaddfu.

Irrimarkat ukoll li kellha xi lmenti li l-użu tas-sala tat-tiġijiet ta' Capua, qegħda toħloq inkonvenjenza lir-residenti.

Il-Kunsilliera M. Azzopardi ssuġġeriet ukoll li waqt li qegħdin isiru xi xogħlijiet minn-naħa tal-Kunsill, ir-residenti għandhom jiġu avżati jew permezz ta' ittra jew media. Is-Sindku wieġbet li ġieli nfumrat lir-residenti b'ittri dwar xi xogħol.

4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn isir ta' *railing* sħiħ maċ-ċint li jħares għall-baħar fil-ġnien ta' Qui-Si-Sana. Dan minħabba l-fatt li huwa perikoluż u l-Kunsill huwa responsabbli għall-inċidenti li jistgħu jinqalgħu. Il-Kunsill għandu jara ma' l-Awtoritajiet konċernati u mal-*Playing Fields Association*.

*(Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ħareġ fis-6.30pm)*

4.9 Il-Kunsilliera M. Azzopardi resqet ilment dwar *water leakages* li għandhom *boathouses* ta' taħt Peppi's Kiosk ġo Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel li minkejja din hija xi ħaġa privata u ma nidħlux fiha, nistgħu niktbu d-Dipartiment ta' l-Artijiet.

4.10 Il-Kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jixtri c-CD u l-*local plan* Tas-Sliema mill-Mepa għall-użu uffiċċjali. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.11 Il-Kunsillier J. Galea staqsa dwar l-iskema ta' l-RPZ. Is-Sindku talbet li għandu jsaqqsi s-Segretarju Eżekuttiv għall-aktar informazzjoni, la darba kien qiegħed jaħdem fuqa hu.

4.12 Il-Kunsillier M. Briguglio ppropona li l-Kunsill għandu jqabbad lil xi ħadd b'servizz bħala *contract manager* għal kull tip ta' xogħol; ambjentali, infrastrutturali, ta' manutenzjoni u tiswijiet, li huwa tal-Kunsill. Għaliex jaħseb li jekk wieħed ikun imħallas ix-xogħol ikun iżjed professjonali. Minħabba li l-Kunsill ħaseb li din se tinvolvi flus, il-kunsillier M. Debono ssuġġerixxew li minnflok, ikun hemm sotto-kumitat fejn jara mqarr ix-xogħlijiet dwar toroq u bankini (minħabba li diġa hemm sotto-kumitat għall-ambjent). Il-Kunsill qabel ma dan. Is-sotto kumitat ġie ffurmat mis-Sindku M. Arrigo u l-Kunsilliera M. Debono u N. Dimech. Il-Kunsillier M. Debono rrimarka li jistgħu jingħaqdu voluntiera oħra minn barra.

4.13 Il-Kunsilliera M. Azzopardi ppreżentat tip ta' boroż sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-ħmieġ tal-klieb. Dan biex ninkoraġġixxu iżjed in-nies li jnaddfu wara li jħammeġ il-kelb tagħhom. Dawn jistgħu jinxtraw pi prezz Lm3.84 għal ħames kaxxi bi 500 biċċa. Il-Kunsill kellu jara dwar dan.

Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerrixxa li għanda nistaqsu tabib biex jikteb għall-magazine Tas-Sliema dwar l-ħsara li jista jagħmel dan il-ħmieġ għas-saħħa tagħna. Il-Kunsill ġie infurmat li diġa tlabna lit-tabib Briffa pero għażel li ma jiktibx dwar dan. Jekk il-Kunsill ikun jaf b'tabib ieħor li jista jagħmel dan, nitolbuh jikteb.

4.14 Il-Kunsillier M. Briguglio ppropona li kull *catering establishment* għandu jkollu *litter bin* ħdejn il-ħanut, sabiex tinżamm l-indafa għaliex ħafna minn dawn l-istabbilimenti qed ikollhom wisq skart madwar l-area tagħhom li qegħdin joħolqu *eyesore*. Fuq hekk il-kunsilliera M. Briguglio u M. Azzopardi staqsew tistax issir bye-law għal dawn l-istabbilimenti biex ikunu responsabbli għall-indafa ta' madwar il-ħanut tagħhom u li kull *catering establishement* ikollu *bin* ħdejn il-ħanut. Il-Kunsill qabel dwar dan pero għandha tingħata iżjed informazzjoni kif tista tiġi ffurmata din il-bye law.

4.15 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera presenti, jekk il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tistax issir l-Erbgħa 8 ta' Novembru minħabba li se tkun imsiefra. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.16 Ġie ppreżentat rapport ta' minuti mill-Perit Chris Spiteri u Dr Joseph Spiteri dwar Triq Rudolfu, ta' laqgħa li saret magħhom *on site* flimkien mas-Sindku, il-kunsillier M. Debono, Perit Cachia ta' Polidano Bros. Issemmiet il-problema dwar il-*gutter* minħabba l-flow ta' l-ilma. Il-Kunsill qal li l-Periti Spiteri għandhom ir-responsabbilta' ta' dan ix-xogħol li kien sar u iddeċieda li għandu jikteb lill-Perit Spiteri dwar din il-problema sabiex jara għal fejn se jgħaddu l-ilma u l-ispiża totali ta' dan il-*gutter* li jrid ikun mogħti bi gradilja tal-ħadid.

4.17 Il-Kunsillier J. Galea informa li jixtieq jorganizza mixja 'Healthy Walk along the front' għall-bidu ta' Novembru, 2006. L-għan ta' din il-mixja hu sabiex iħeġġeġ lir-residenti sabiex iżommu ruħhom f'saħħa fiżika. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u l-kunsillier J. Galea għandu jieħu ħsieb dan.

## 6. Tenders - Ġbir ta' Skart Domestiku

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qassmet evalwazzjoni tat-*tenders* li nteffgħu dwar il-ġbir lil kull kunsillier presenti. Inħattar bord b'dawn il-membri. Is-Sindku M. Arrigo u l-kunsilliera M. Debono u N. Dimech sabiex jiddeċiedu sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-bord se jiltaqa' nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru, 2006 fit-3pm għal deċiżjoni.

## 7. Tenders - *Project Manager Works*

Is-Sindku u d-deputat Segretarju infurmaw lill-Kunsill, li wara li saqsa lid-Dipartment jekk it-tender kienitx tajba, il-Kunsill ġie infurmat li għanda nimxu mal-proċeduri tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ippreżenta kopja ta' dawn il-proċeduri fejn l-*ispecimen* turi li l-*contract management fee* trid titniżżel minn dak li qed jitfa' l-offerta. Il-Kunsillier M. Debono qal li din hija kontra l-etika tal-kamra tal-periti. Il-Kunsill ħass li m'għandux jibqa ma jieħux deċiżżjoni dwar dan, minħabba l-fatt li x-xogħol irid jibqa għaddej kif suppost. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu deċiżjoni.

Il-Kunsillier M. Debono qal li hu jixtieq jibqa barra minn din id-deċiżjoni minħabba l-etika tal-periti. Il-Kunsill qabel ma dan.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat it-*tenders* li kienu ntefgħu, fuq il-mejda. Dawn kienu:

- Med Developers, Designers Consultants Ltd
- Malta Planning and Design Consultants
- EMDP
- Design and Technical Resources Ltd

Il-Kunsill ra li dan l-aħħar il-Perit Bezzina li jirrapreżenta l-Med Developers ħadem bi sħiħ u b'mod professjonali kull darba li ġie mqabbad mill-Kunsill. Ġie deċiż li t-*tender* għanda tingħata lill-Med Developers, Designers Consultants Ltd.

## 3. Komunikazzjonijiet/Korrispondenza u ħlas ta' Pagamenti.

3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-kunsilliera preżenti kienx hemm xi kummenti dwar il-pagamenti biex jiġu approvati. Il-Kunsillier M. Briguglio xtaq jiċċara li l-ħlas li qed issir lill-Polidano Bros biċ-ċekk numru 8120 hux qed issir bl-awtorizzazzjoni kif kien mitlub fis-seduta l-oħra. Dwar dan ġiet ippreċentata l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, wara komunikazzjoni li kellu min-naħa tal-avukat tal-Kunsill, fejn id-Dipartiment ta' il-parir li l-Kunsill għandu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-perit espert li ġie mqabbad mill-istess Kunsill. Is-Sindku nfurmat li qegħdin nistennew l-awtorizzazzjoni ffirmata (għaliex kellna diġa verbalment), mill-perit Bezzina.

Il-pagamenti li jkopru minn ċekk numru 8055 sa 8120 ġew approvati u ffirmati minn żewġ kunsilliera.

3.2 Inqrat korrispondenza mill-ADT dwar applikazzjoni tas-Sur Naslah A. H. Mohammed. Is-Sindku infurmat li ntbgħatet lill-Awtorita' biex din l-applikazzjoni tinżamm għalissa, għaliex dan mhuwiex fuq ir-reġistru elettorali. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsaqsih għal kopja ta' l-identita' qabel ma jitkompla l-proċess.

3.3 Tressqu tlett rapporti medikali dwar il-parkeġġ riżervat għal: Wilfred Castillo, Maria Dolores Mifsud u Carmelina Vassallo. Inqara r-rapport tas-Sur Castillo (mhux se jitniżżel x'kien fih minħabba kunfidenzjalita') u l-Kunsill iddeċieda li dan m'għandux jingħata.

Dwar dawn it-tip ta' rapporti, l-Kunsillier N. Dimech qal li l-Kunsill għandu jara għandux jibqa involut f'dawn ir-*reserved parking* għaliex fl-aħħar minn l-aħħar l-Awtorita' qegħda tiddeċidi. Minn-naħa l-oħra s-Sindku M. Arrigo ressqet suġġeriment li wasslilha, fejn jgħid li nneħħu kull parkeġġ riservat u minnflok issir bay kważi f'kull triq skond it-tul tagħha li tintuża minn kulħadd.

Il-Kunsillier L. Vella ħaseb li l-Kunsill aħjar jibqa involut biex ikun jaf x'qiegħed jiġri.

Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsejjaħ laqgħa ma' l-Awtorita` dwar dan sabiex jagħmel l-affarijiet iżjed ċari.

Iż-żewġ applikazzjonijiet l-oħra l-Kunsill iddeċieda li jibqgħu *on hold.*

*(Il-Kunsilliera M. Debono u M. Aquilina telqu s-seduta fit-7.40pm.)*

3.4 Ġiet ippreżentata stima mis-Sur Raymond Cachia dwar tindif ta' *culverts* fit-toroq. L-ispiża hija ta' Lm2.95 għal kull metru. Il-Kunsill qabel ma' dan ix-xogħol pero s-Sindku se tistaqsi lis-Sur Cachia sabiex l-istima tkun iżjed dettaljata bit-toroq.

3.5 Ġiet ippreżentata stima oħra mis-Sur Raymond Cachia dwar xogħlijiet fi Sqaq Sajjan.

| | |
|---|---|
| *Scraping of walls* | Lm1.77/sq mtr |
| *Plastering* | Lm2.36/sq mtr |
| *Covering walls with membrane* | Lm3.83/sq mtr |
| *Covirng present wall with stone* | Lm8.26/sq mtr |

Prezzijiet vat inkluż.

Il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jsir.

3.6 Tressaq ilment mis-Sinjura J. Bonniċi resident fi Triq Rudolfu, fejn qiegħed jilmenta dwar l-inċident li kellu minħabba l-istat ta' bankina ta' din l-istess triq. Ir-resident qiegħed jilmenta l-konsegwenzi li qiegħed isofri minħabba dan, pero ma' ta' l-ebda stima. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jibgħat l-ittra lill-avukat Dr Gatt sabiex jara huwiex l-każ li jiġi proċessat.

3.7 Talba għall-għajnuna finanzjara mill-iskola ta' *St Patrick's Salesian* għall-attivititajiet ta' *fundraising* li qegħdin jorganizzaw. Il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax din it-talba minħabba regoli finanzjarji skond skema VIII.

3.8 Talba għal *loading/unloading* fi Triq Don Bosco ma' Triq it-Torri mill-Elektra Ltd. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

3.9 Talba mis-Sur Joseph Camilleri ta' Camilleri Trading Ltd għall-permess biex issir attivita` 'babies day' nhar is-Sibt 28 t' Ottobru, 2006 ix-Xatt (quddiem l-entratura tal-*Mothercare*) ġo Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni biex issir din l-attivita`.

3.10 Il-kappillan tal-Parroċċa ta' San Girgor talab biex isir ħlas ta' Lm 100 għall-użu tal-post fejn saru korsijiet tal-compjuter bejn id-19 ta' Lulju, 2006 u l-14 ta' Settembru, 2006, organizzati mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.11 Ittra mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta ' l-Ilma, sabiex isiru xogħlijiet ta' *mains* ta' l-ilma. Il-korporazzjoni ssuġġeriet diversi ismijiet tat-toroq. Iżda l-Kunsill iddeċieda li għalissa x-xogħol isir fi Triq Freres.

3.13 Talba għall-għajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni Arka għal xi proġetti li qegħdin jagħmlu. Il-Kunsill iddeċieda li jekk din il-Fondazzjoni taqa' taħt l-iskema VIII skond ir-regolamenti finanzjarji, jagħti s-somma ta' Lm25.

3.14 Ittra mill-*Government Property Division* fejn qegħda titlob għal kummenti tagħna rigward it-talba li għamel is-Sur Stephen Nicholas Borg għal talba ta' permess għall-imwejjed u siġġijiet fi Triq it-Torri, Sliema. Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma jagħti l-kummenti tiegħu għandu jara l-ammont ta' imwejjed u siġġijiet.

3.15 Ittra minn diversi residenti ta' Triq Sant'Antnin rigward 'iron barricade' li twaħħlet f'din l-istess triq. Il-Kunsill dehrlu li għalissa għandha tibqa hemm minħabba li m'hemmx bankina.

3.16 Talba minn *The Malta Table-Tennis Marathon* biex issir attivita' fil-*promenade* Tas-Sliema bejn l-10 ta' Novembru u l-10 ta' Dicembru, 2006. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni biex issir din l-attivita` pero l-Kunsill għandu jġib iżjed informazzjoni dwar il-ġranet u l-post eżatt.

*(Il-Kunsillier M. Briguglio telaq mis-seduta fit-7.50pm)*

**8. Affarijiet Oħra**

8.1 Is-Sindku resqet talba li saret minn għand *Harley Pharmacy* biex iwaħħlu tabella mal-*pole* li tindika li hemm spiżerija. Il-Kunsill ma qabilx li din issir, u jekk irid jimxi mal-bye law ta' l-*istreet furniture* li għamel il-Kunsill.

8.2 Il-Kunsillier J. Galea ressaq proposta rigward *EU funding* permezz ta' *youth exchange*. Li l-Kunsill joħroġ ammont ta' flus u jerġa jiġi rifondut wara xi sitt xhur. Il-Kunsillier J. Galea xtaq jispjega iżjed fid-dettal pero' peress is-seduta kienet se tintemm is-Sindku ssuġġerriet li titpoġġa fil-bidu tal-Agenda fis-seduta li jmiss. Il-Kunsillier J. Galea informa wkoll li biex tapplika għal dawn l-affarijiet, dejjem ikun hemm *deadlines*. Il-Kunsillier J. Galea għandu jibgħat *email* lil kull kunsillier bid-dettalji.

Is-seduta ngħalqet fit-8pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa fit-8 ta' Novembru, 2006 fl-4.30pm.

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**